# Patri Ġann Franġisk Grima OFM Conv.

## 100 Sena mit-Twelid tal-Fundatur tal-Każin Banda San Pawl

Poeżija ta' **Keith Muscat**


*P. Ġann Franġisk Grima*

Ġann Franġisk Grima, iben Gulljermu u Ros Maria Pace, twieled fl-20 ta' Lulju 1905 fir-Rabat, Għawdex. Huwa ħass il-vokazzjoni reliġjuża u ngħaqad ma' l-Ordni tal-Patrijiet Franġiskani Minuri Konventwali fit-30 ta' Ottubru 1926. Fis-7 ta' Novembru ta' l-istess sena beda n-novizzjat f'Montevago, Sqallija u nhar it-8 ta' Diċembru 1927 ha l-Professjoni Sempliċi f'Osimo l-Italja. Nhar il-25 ta' Lulju 1930, Ġann Franġisk ħa l-Professjoni Solenni, f'Osimo, filwaqt li ġie ordnat Saċerdot nhar l-14 ta' Awissu 1932 ġewwa Cinguili, Osimo (Italja). Fl-1945 Patri Bernard Debrincat temm il-ħatra tiegħu bħala Kappillan tal-Parroċċa ta' Marija Addolorata f'San Pawl il-Baħar u Patri Grima intgħażel biex jimla dan il-post, fejn serva f'din il-ħatra sal-1953.

Iż-żmien li fih inħatar bħala Kappillan ma kienx wieħed faċli għax kien propju l'perjodu ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija. Il-poplu kien għadu ħiereġ minn trawma u Patri Ġann Franġisk Grima għen kif seta biex il-poplu Pawlin javvanza kemm mill-lat spiritwali kif ukoll mill-lat soċjali u kulturali. Nhar is-26 ta' Marzu 1946, il-Kappillan laqqa fl-uffiċċju tiegħu xi nies sabiex ġie ffurmat kumitat porviżorju biex f'San Pawl il-Baħar ikun hawn circolo sociali. Fl-1 ta' April 1946, dan il-kumitat, taħt il-presidenza ta' Patri Ġann Franġisk Grima, approva l-istatut ta' l-għaqda li ssemmiet St Paul's Bay Club. Fil-5 ta' April inħatar il-Kumitat proviżorju u Rev. Grima inħatar bħala President Onorarju, filwaqt li fl-14 ta' April saret l-ewwel laqgħa ġenerali li għaliha attendew madwar 150 ruħ. F'Mejju tal-1946 l-Arċisqof Mikiel Gonzi, inawgura s-sede tal-Club f'62, Triq San Pawl, eżatt faċċata tal-Knisja Parrokkjali. Fl-1947 sar suġġeriment li fi ħdan dan il-Club titwaqqaf banda u l-Kappillan Grima għamel appell waqt l-avviżi fil-quddies sabiex iħeġġeġ liż-żgħażagħ jibdew jitgħallmu l-mużika u l-appel intlaqa għax ammont sabieħ ta' żgħażagħ inkitbu sabiex jibdew jieħdu l-lezzjonijiet. Nhar is-26 ta' Frar 1947 il-Kappillan ippreżenta lista ta' persuni nteressati. Fit-12 ta' Marzu, Mro Emmanuel Gauci inħatar bħala l-ewwel Surmast u beda jgħallem l-allievi, filwaqt li nhar il-



*Ir-relikwarju irregalat minn ħut il-Kappillan Grima.*

21 ta' Marzu 1947, il-Banda ġiet reġistrata mal-Kummissarju tal-Pulizija. Dak iż-żmien Dr Giuseppe Attard Montalto kien President u l-Kappillan kien President Onorarju. B' hekk il-Każin Soċjali inbidel f' Cirkolu Mużikali San Pawl. Sena wara l-Banda ġiet affiljata mal-Malta Band Clubs Association u nhar il-25 ta' Lulju 1948 daqqet għall-ewwel darba f'San Pawl il-Baħar. Insibu li fi żmien il-Presidenza Onorarja tal-Fundatur Patri Ġann Franġisk Grima, il-Banda għamlet avvanzi kbar. Kien propju fi żmien Patri Grima li żżanżan l-Innu lill-Marija Addollorata, fuq mużika tas-Surmast Vincenzo Ciappara u versi ta' Dun Frans Camilleri. Fl-1950 is-Surmast Emmanuele Gauci irtira u nħatar minfloku Mro Salvinu Vella.

Fi żmien il-parrokkjat ta' Ġann Franġisk Grima ma' twaqqafx il-Każin tal-Banda biss imma saru bosta opri u proġetti oħra. Kienu propju ħut dan il-Kappillan li fl-1947 irregalaw ir-relikwarju li jintuża fil-festa. Fl-istess sena l-Arcisqof Gonzi żar il-parroċċa bħala parit mill-Vista Pastorali. Fl-1948 daħlu f'San Pawl il-Baħar is-Sorijiet Franġiskani li jwettqu ħidma kbira fi ħdan il-parroċċa. Fl-istess sena is-Sinjura Roza Camilleri waqqfet il-Fondazzjoni tas-Settena tad-Duluri. Fl-1949, il-Kappillan, kompla sebbaħ iċ-ċimiterju billi fid-daħla tiegħu tpoġġiet statwa kbira ta' sidna Ġesu' Kristu. Kien propju fi żmien dan il-Kappillan ukoll li fl-1950 inbena mill-ġdid is-Santwarju tal-Ħuġġieġa mill-War Damadge Funds wara li kien twaqqa waqt attack mill-ajru. Fi żmien dan il-Kappillan, propju nhar it-23 ta' Jannar 1952, Sir Hannibal Scicluna kiseb reskritt mill-Vatikan li bih seta jibda jsir il-quddies fl-Għar ta' San Martin. Fl-aħħar sena tiegħu, jiġifieri fl-1953, beda' f'San Pawl il-Baħar il-Leġjun ta' Marija għall-irġiel u fl-istess sena Patri Serafin Galea OFM Conv. inħatar bħala Kappillan minfloku.

Patri Ġann Franġisk Grima miet nhar l-10 ta' Lulju 1977 u jinsab midfun fiċ-Ċimiterju ta' San Pawl il-Baħar. Nhar 10 ta' Settembru 1977, l-Arċisqof Mikiel Gonzi inawgura bust ta' Patri Grima ġewwa l-Każin tal-Banda San Pawl. Il-Kunsill Lokali ukoll ħa ħsbieb li l-fundatur tal-Banda San Pawl jibqa kommemorat u dan sar billi ssemmiet triq għalih fil-lokalità.